# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 13 ta' Gunju, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **467 / 2017**

**GO P.L.C.**
[REG NRU. C-22334]

***VERSUS***

**BALDACCHINO RODERICK**
[K.I. NRU. 510978M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Ottubru, 2017 fejn is-Socjetà Attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija, sitta u ghoxrin ewro u tmienja u disghin ewro centezmi (€326.98c) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni fuq il-kont numru 40245739, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri u l-imghax fuq l-imsemmi sorte dekorribbli mis-7 ta' Lulju, 2016 (data tal-hrug ta' ittra ufficjali kontra l-konvenut).

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, “*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*.”

Minn qari ta’ din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f’kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta’ l-udjenza tal-25 ta’ April, 2018 (*a fol*. 30) u la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghall-udjenzi mizmuma quddiem it-Tribunal wara tali notifika u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici.

It-Tribunal sema lir-rapprezentant tas-socjetà attrici, Maryanne Camilleri, fl-udjenza tal-25 ta’ April, 2018, fejn gie konfermat bil-gurament li, “*l-ammont ta' EUR326.98 mitlub f' dawn il-proceduri ghadu interament dovut mill-Konvenut lill-Attrici u li l-ebda pagament akkont ma sehh fil-mori ta' din il-kawza. Maryanne Camilleri, fil-kapacita' premessa, ikkonfermat bil-gurament l-istatement ezebit a fol. 2 u 3 tal-atti*.” Fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta’ rapprezentant tas-socjetà attrici – akkumpanjata mal-provi dokumetarji ezebiti (*a foll*. 2–4) – jirrizulta li t-talba attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b’xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Dwar il-kwistjoni tad-dekorriment ta’ l-imghax (kif domandat fl-att promotur), it-Tribunal ghandu dan xi jghid.

Mill-atti jirrizulta illi fis-7 ta’ Lulju, 2016 giet prezentata ittra ufficjali skond l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta mill-attrici kontra l-konvenut ghall-ammont ta’ €576.98c fuq il-kont mertu ta’ l-odjerni proceduri (ara *a fol*. 6). Mill-kopja ezebita jidher li l-istess ittra giet notifikata lid-debitur, hawnhekk konvenut, fis-16 ta’ Lulju, 2016 (ara riferta pozittiva *a tergo* ta’ *fol*. 6). Ghalkemm l-atti processwali huma siekta, t-Tribunal ghandu jifhem li sehhet kontestazzjoni ta’ tali ittra ufficjali u huwa ghalhekk li giet intavolata din il-kawza. Il-prezenti proceduri – ghalkemm dwar l-istess kont menzjonat fl-ittra ufficjali (i.e., 40245739) – huma izda ghal ammont inferjuri ghal dak indikat fl-imsemmija ittra ufficjali. It-Tribunal ghandu jifhem illi l-ammont domandat f’dawn il-proceduri (i.e., €326.98c) jirrijentra fl-ammont imnizzel u mitlub fl-ittra ufficjali (i.e., 576.98c). Dak li jinteressa lit-Tribunal f’dan kollu huwa illi tali missiva gudizzjarja twasslet a konoxxenza tad-debitur imsemmia fiha u li, ghalhekk, l-effetti ta’ tali ittra ufficjali bdew isehhu minn meta l-istess giet notifikata lilu. Kif previst fl-Art. 890 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, “*Il-protest jew l-ittra ufficjali jibdew isehhu minn dak in-nhar tan-notifika*.” F’dan il-kaz, kif juru l-atti gudizzjarji ta’ din il-kawza, l-effetti ta’ l-ittra ufficjali bdew fis-16 ta’ Lulju, 2016.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-imghax ghandu jibda' jsehh mid-data tan-notifika (i.e., mis-16 ta' Lulju, 2016), li hija dik id-data li fiha saret is-sejha gudizzjarja fuq il-konvenut debitur u mhux mid-data ta' l-emissjoni taghha (i.e., mis-7 ta' Lulju, 2016).

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa dovut mill-konvenut.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' tlett mija, sitta u ghoxrin ewro u tmienja u disghin ewro centezmi (€326.98c), bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-16 ta' Lulju, 2016 sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez kollha tal-proceduri, kif mitlub fl-att promotur, huma a kariku tal-konvenut.

***ft.*** **AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.*** **ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*